# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Jannar 2001**

**Numru 4**

**Avviz numru 1047/96 MM**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**David Casha**

## IS-SENTENZA APPELLATA

Fid-29 ta' Novembru 1999, il-Qorti tal-Magistrati Malta ppronunzjat is-segwenti sentenza, f'kawza li biha l-Korporazzjoni attrici kienet qed titlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' *notice money*.

> "Rat l-avviz ippresentat mill-korporazzjoni attrici fil-15 ta' Ottubru 1996 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' Lm295.75 rappresentanti "notice money" minnu dovuta lill-Korporazzjoni minhabba waqfien mhux gustifikat mill-impjieg tieghu.Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi preliminarjament it-talba tal-attur nomine ghandha tigi michuda stante li hija preskritta skond il-ligi.

2. Illi t-talba tal-attur nomine hijja nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-fatti ma grawx kif qed jallega l-attur nomine u stante li l-ammont mitlub mill-attur nomine mhuwiex dovut kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota tal-konvenut tal-24 ta' Jannar 1997.

Rat is-sentenza taghha tat-3 ta' Marzu,1997 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-31 ta' Ottubru,1997 fejn il-kawza giet rinvjata lill din il-Qorti biex tinstema u tigi deciza fuq il-meriti taghha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi irrizulta mill-provi li l-konvenut dahal jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta fil-25 ta' Settembru 1989 b'kuntratt indefinit u spicca b'effett mid-29 ta' Mejju 1993.

Il-konvenut ighid li fil-mori tal-impjieg tieghu kien haseb biex jiftah restaurant u ghal habta ta' nofs Frar 1993 kien applika biex jiehu sitt xhur "umpaid leave" Skond hu ma kellhux risposta ghat-talba tieghu pero' qabad u iddecieda li ma jmurx ghax-xoghol xorta wahda. B'ittra datata 28 ta' Mejju 1993 gie avzat mill-Korporazzjoni li gie sospiz mix-xoghol.

Il-Korporazzjoni minn nahha l-ohra tghid li l-konvenut kien ifalli regolarment u anke jiehu "leave" minghajr raguni ta' xejn. Wara li l-Bord tad-Diretturi ra

li l-konvenut ghamel aktar minn ghaxart ijiem nieqes mix-xoghol minghajr gustifikazzjoni, iddecieda li jittermina l-impjieg. B'referenza ghat-talba tal-attur ghal "unpaid leave",Joseph Mangion Principal mal-Korporazzjoni jghid (a fol 14) li dina giet michuda u mil-file rrizulta nota li l-konvenut gie mgharraf verbalment dwar dan.

Irrizulta li l-mizuri li ttiehdu fil-konfront tal-konvenut saru abbazi ta' l-Art. 4.1.1. tal-ftehim kollettiv illi l-korporazzjoni ghandha mal-Union.

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-avukat tal-konvenut argumenta li l-ammont mitlub bhala "notice money" ma kienx dovut peress li l-konvenut tkecca mill-impjieg mill-istess Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni.

Bir-rispett, il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument.It-tkeccija tieghu minn mal-Korporazzjoni kienet wahda gusta ghax kien l-istess konvenut li ipprovoka ir-reazzjoni tal-Korporazzjoni. Billi talab li jiehu "unpaid leave" ma jfissirx li jista jaqbad u jiehdu minn jeddu. Kien kompitu tieghu li jivverifika r-risposta tal-Korporazzjoni u darba kienet negattiva allura ma kellu l-ebda dritt jallontana ruhu mix-xoghol minghajr raguni ta' xejn. Id-decizzjoni li jitlaq kienet tieghu u mhux tal-Korporazzjoni li mxiet b'retitudini u konformi mal-ftehim kollettiv.

Darba l-konvenut iddecieda li ma joqghodx jistenna r-risposta tal-Korporazzjoni jew addirittura jinjoraha allura din id-decizzjoni tammonta ghal abbandun tax-xoghol fejn jidhlu in vigore t-termini tan-"notice" kif titlob il-ligi.

Il-konvenut ma ghamel xejn minn dan, ma ta ebda notice, izda qabad u ddecieda li ma jmurx ghax-xoghol b'decizzjoni unilaterali minkejja li t-talba ghal leave tieghu ma gietx milqugha.

B'ittra datata 12 ta' Lulju 1993 (fol 17) il-konvenut gie mgharraf bl-ammonti dovuti lill-Korporazzjoni. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-"quantum". Fi kwalunkwe kaz, din hi gustifikata u timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talba tal-Korporazzjoni attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' Lm295.75 rappresentanti "notice money" dovuta mill-konvenut lill-Korporazzjoni minhabba waqfien mhux gustifikat mill-impjieg tieghu. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tal-presentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.”

**L-AGGRAVJU**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u jissottometti li meta principal ikecci l-impjegat tieghu, dan ma jistghax wara jitolbu li jhallas xi somma ta' flus bhala *notice money*. Aktar u aktar meta ma jirrizultax li l-ittra li biha l-Korporazzjoni appellata kecciet lill-konvenut appellant waslet ghandu.

Is-sub-inciz 14 tal-artikolu 34 tal-Kap 135 jipprovdi li principal jista' jibghat impjegat minghajr ebda avviz izda fl-istess artikolu ma jsemmi xejn li l-istess impjegat ghandu obligu li jhallas xi somma ta' flus bhala *notice money*. Inoltre is-sub-inciz 10 tal-istess artikolu jipprovdi li meta mpjegat jonqos li jaghti avviz lill-principal li ser jigi terminat l-impjieg tieghu, huwa jista' jaghzel li jew jahdem dak il-perjodu ta' *notice* jew jitlob il-hlas ta' nofs il-paga lilu dovuta. L-Ewwel Qorti allura ma fehmitx x'kienet il-bazi legali tan-*notice money* meta kkonkludiet li din setghet tintalab f'kazijiet fejn wiehed jitkecca mix-xoghol.

**<u>RISPOSTA</u>**

Minn naha taghha l-Korporazzjoni appellata ssostni illi l-konvenut kien effettivament gie notifikat permezz ta' ittra illi l-impjieg tieghu kien gie terminat minhabba assenza ingustifikata mix-xoghol skond l-artikolu 30 (2) tal-ftehim kollettiv. Dan kien jammonta ghal rizenja mill-impjieg tieghu. Konsegwentament il-konvenut appellant kien tenut li jhallas il-Korporazzjoni appellata n-*notice money* kif ukoll li jhallas lura paga

zejda lilu mhallsa u l-pro-rata ta' *vacation leave* mehud mill-appellant in eccess ta' dak li ghalih kien intitolat.

Il-Korporazzjoni Enemalta ssottomettiet illi l-ittra taghha fit-23 ta' Gunju 1993 ma kienitx ittra ta' tkeccija per se', izda rikonoxximent ta' stat ta' fatt dwar ir-rizenja tal-appellant mill-impjieg. L-assenza mhux gustifikata tieghu kienet tammonta ghal rizenja, in kwantu hadd ma kien keccieh mix-xoghol imma kien hu stess li abbandunah.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Il-Qorti qabel xejn taghmel referenza ghall-ittra tal-Korporazzjoni attrici tat-12 ta' Lulju 1993 mibghuta lill-konvenut li minnha jirrizultaw is-segwenti fatti :-

(a) Dikjarazzjoni illi l-impjieg tal-konvenut kien qed jigi <u>terminat</u> ghaliex hu bhala mpjegat "*as from the 17th May 1993 till today he did not report for work*". It-terminazzjoni tal-impjieg kienet qed issir skond il-paragrafu 4 tal-appendix tal-ftehim kollettiv. Kienet allura terminazzjoni punittiva.

(b) Il-Korporazzjoni kienet qed tippretendi minghand il-konvenut dawn l-ammonti :-"*wages paid in excess for forthnight ending 30/05/93 Lm 75.45c ; two weeks <u>notice money</u>, Lm 92.14c ; twenty days vacation leave in excess of pro rata entitlement, Lm 184.20c*." B'kollox

ammontanti ghal Lm 351.79c li minnhom il-Korporazzjoni naqset xi ammonti dovuti minnha lill-konvenut, bonus u allowance, b'mod li thalla l-bilanc reklamat f'din l-istanza. Minn din l-ittra l-Qorti tikkonsidra illi l-kontestazzjoni fir-rigward tan-*notice money* vera proprja tirrigwarda l-ammont ta' Lm 92.14c.

Il-konvenut appellant ma ssoleva l-ebda kwistjoni dwar l-ammont ta' paga mhallas in eccess ghal hmistax-il jum li jaghlqu fit-30 ta' Mejju 1993 u ghar-rifuzjoni tal-eccess ta' ghoxrin gurnata *vacation leave* minn dak li ghalih il-konvenut kien titolat. Wiehed necessarjament jikkonkludi li dawn l-ammonti ut sic kienu ammessi mill-konvenut. Hu veru illi dan ghandu aggravju fis-sens illi l-avviz promotur kien biss ghall-hlas ta' *notice money* u jirreferi proprju ghal din l-ittra biex jippreciza illi semai, jekk kien dovut xi *notice money* da parti tieghu, dan seta' jammonta biss ghal Lm 92.14c u mhux ghal Lm 295.75c kif pretiz.

Il-Qorti tipprova tifhem li, filwaqt li dan hu minnu in kwantu jippreciza x'inhu l-ammont ta' *notice money* in kontestazzjoni, ma tistghax taccetta illi l-avviz ma kienx ikopri wkoll l-ammonti l-ohra reklamati fl-ittra tat-12 ta' Gunju 1993 anke jekk dan l-avviz jirreferi biss ghan-*notice money*. Apparti l-fatt illi hu pacifiku fil-gurisprudenza li l-avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati kellu jitqies biss li kien sejha lill-konvenut biex jidher quddiem il-Qorti halli jirrispondi ghat-talbiet tal-attur u li konsegwentament it-termini tieghu ma kellhomx jitqiesu li kienu

daqstant rigidi li ma setghux ikunu interpretati biex jinkludu dak li l-partijiet kienu ben konsapevoli tieghu, din il-Qorti hi sodisfatta illi l-konvenut kien sewwa a konoxenza ta' l-import u l-kontenut tat-talba attrici, konsegwenzjali ghal "waqfien mhux gustifikat mill-impjieg tieghek". Dana jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni illi ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni daparti tal-konvenut ghall-bilanc li jibqa' mill-ammont reklamat wara li jitnaqqas is-somma ta' Lm 92.14c li s-socjeta' appellata qed tippretendi *notice money*. Dan ifisser li l-bilanc ta' Lm 203.61c kellu jitqies bhala ammess mill-konvenut u dovut lill-Korporazzjoni attrici in kwantu fir-rigward tieghu m'hemm l-ebda eccezzjoni. Kif inghad il-mertu tal-appell jirrigwarda l-hlas ta' *notice money*. It-tezi tal-appellant hi illi hawn si tratta ta' terminazzjoni ta' mpjieg. Is-sottomissjoni hi li meta principal ikecci l-impjegat tieghu dan ma setghax wara jitolbu li jhallsu *notice money*. Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni.

Jinghad mill-ewwel li hi ma taqbilx mal-interpretazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi fil-kaz taht ezami, c-cirkostanzi kienu tali illi kienet gustifikata l-interpretazzjoni illi bl-abbandun ta' xoghol da parti tal-impjegat kien ifisser illi jidhlu in vigore t-termini tan-*notice* kif titlob il-ligi. Jirrizulta ampjament pruvat u anzi mhux kontestat, illi dan kien kaz ta' <u>tkeccija</u> ta' mpjegat, konsegwenzjali ghat-<u>terminazzjoni</u> tal-impjieg tieghu da parti ta' min ihaddmu minhabba assenza mhux gustifikata mix-xoghol minghajr awtorita'. Il-Korporazzjoni attrici nfatti invokat l-artikolu 30

paragrafu 2 tal-appendici A tal-ftehim kollettiv li jipprovdi li l-impjieg seta' jigi terminat kagun ta' assenza mix-xoghol. It-terminazzjoni ta' impjieg f'dawn ic-cirkostanzi infatti, teknikament teskludi l-koncett ta' abbandun ta' xoghol da parti tal-impjegat. Dan ghal raguni ovvja illi kieku verament kien hemm tali abbandun ma kienx ikun hemm lok ta' terminazzjoni ta' mpjieg bhala penalita' ghal medemjenza kontrattwali tal-impjegat li jirraporta regolarment ghax-xoghol.

Konsiderat dan ma jirrizultax applikabli li allura l-koncett ta' l-ghoti ta' *notice* da parti tal-impjegat kif kontemplata fis-sub-inciz 10 tal-artiklu 34 tal-Kap 135. It-tkeccija da parti ta' min ihaddem jekk ikun hemm "*a good and sufficient cause*" kienet tezentah milli jaghti *notice money* lill-impjegat imma ma kienitx tintitolah li jircievi minn dan *notice money* ghal zmien li fih hu kellu jigi meqjus li kien ghadu teknikament fl-impjieg anke jekk ma kienx jattendi ghax-xoghol.

L-appell, limitatament ghal dan l-aspett tal-vertenza rrizulta ghalhekk fondat u qed jigi milqugh. L-ammont li kien dovut mill-appellant lill-Korporazzjoni attrici kellu allura jigi stabilit fl-ammont ta' Lm 203.61c u f'dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi riformata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu bil-limiti fuq espressi u konsegwentament tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduci l-ammont dovut mill-appellant lill-Korporazzjoni attrici ghas-

somma ta' mitejn u tlett liri u wiehed u sittin centezmu (Lm 203.61c). Konsegwentament tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas lis-socjeta' attrici dan l-ammont kif issa ridott. L-imghax kellhom jibdew jithallsu mil-lum. L-ispejjez tal-kawza kellhom jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi mill-appellant u kwantu ghal terz mill-Korporazzjoni appellata.

Dep/Reg

mg